**Laqgħa Numru 15**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**28 ta' Lulju 2020**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fl-4.30 ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Hubert Saliba | - Sindku |
| Paul Azzopardi | - Viċi Sindku |
| Jeanelle Attard | - Kunsilliera |
| Domenic Zerafa | - Kunsillier |
| Johnny Vella | - Kunsillier |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard

## 15.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

15.1.1 Ma kienx hemm ittri tal-apoloġija.

## 15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

15.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 14 li saret nhar it-Tlieta 30 ta' Ġunju 2020 ġew approvati mill-membri tal-Kunsill preżenti u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv wara li l-Viċu Sindku talab li ssir amenda fuq 14.6.1.

## 15.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

15.3.1 **Skart tal-*farmhouses*** Is-Sindku kkomunika mal-membri tal-Kunsill il-problema ta' skart iġġinerat mill-*farmhouses on a short let basis* fejn il-Kunsill qed jaffaċja problema minħabba li dawn is-sidien l-ewwelnet ma kinux qed jirrispettahom l-iskeda ta' ġbir ta' skartu u l-kuntrattur responsabli mill-ġbir ta' skart kien qed jinsisti li dawn is-sidien irid ikollhom ftehim privat ma' kolletur tal-għażla tagħhom. Is-Segretarju spjegat li dan il-ftehim privat kien ikun rikjest li jsir meta fi snin preċedenti ingħalqu xi kwistjonijiet ma' dawn is-sidien. Il-kuntratt aml-KIP kien iħalli f'idejn il-Kunsill x'għandu jikkonsisit fi *private establishment*. Il-Kunsill iddiskutta li peress li dawn kienu qed imexxu *business* dawn għanhom jieħdu ħsieb l-iskart iġġinerat huma stess Is-Sindku spjega li l-Kunsill iċċekkja kemm mal-President tal-AKL u anke mal-MTA fejn dawn qed spjegaw li l-kuntrattur hu fid-dmir li jiġbor l-iskart tal-*farmhouses*. Is-Sindku spjega li anke meta ċċekkja mal-avukat tal-Kunsill hu kwota mil-liġi li dan l-iskart irid jinġabar. Il-Kunsill idiskutta li farmhouses li qed jintużaw għall-kiri *short let* għandu jkollhom *private agreement.* Il-Viċi Sindku talab li l-Kunsill ikollu f'idu l-lista mill-MTA tal-postijiet għall-kiri fix-Xewkija.

15.3.2 **Triq Santa Eliżabetta** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-WSC kiuenu se jibdlu l-main tad-drenaġġ fi Triq Santa Elizabetta. Il-kuntrattur kien qed jistenna l-LPO min-naħa tal-WSC biex ikun jista' jitkompla x-xogħol.

15.3.3 **Triq Barrieri** Is-Sindku staqsa lill-Viċi Sindku rigward Triq Barrieri fejn il-Viċi Sindku spjega li l-parti tan-nofs ma' tappartjeni lil ħadd u anke tista' tista' ssir *recreational area*. Il-Viċi Sindku spjega li t-triq trid isir mill-Gvern Ċentrali u għaldaqstant għandha tkun waħda mit-toroq fil-lista li ngħaddu lill-Ministeru.

15.3.4 **Triq Torri Gorġun** Is-Sindku suġġerriexxa fuq talba tar-residenti fi Triq Torri Gorġun li jinxtraw boroż tal-*cold asphalt* biex isir aktar *patching* fi Triq Gorġun. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard stqarret li jagħmel aktar sens li titqaxxar u tingħata passata asflat. Il-membri tal-Kunsill ddiskuttew u kien hemm qbil li jsir *patching*.

15.3.5 **Tal-Ħorob** Is-Sinku rreferra li qed jitnaddaf Tal-Ħorob mill-karozzi mitluqa u minn imbarazz ieħor. Is-Sindku spjega li l-Kunsill irid iqabbad servizz ta' gaffa biex titnaddaf Triq Bir Il-Franċiżi.. Is-Sindku faħħar l-għajnuna li sab min-naħa tal-pulizija fejn dawn min-naħa tagħhom talbu li jsiru tabelli biex ma jintremix skart. Is-Sindku ssuġġerixxa li jsiru 4 tabelli biex ma jintremax żibel waqt li ssuġġerriexxa li tajjeb li l-Kunsill ikollu camera li tkun tista' titmexxa minn post għal ieħor li jkunu jistgħu jitpoġġew f'dawn l-inħawi biex jinqabad min ikun qed jabbuża u jarmi. Il-Kunsillier Jeanelle Attard issuġġerriet li jinxtraw 2 cameras biex anke jekk ikun hemm waħda bil-ħsara jkun hemm camera oħra disponnibli. Il-Kunsill iddiskuttew il-post tan-New Water f'Tal-Ħorob fejn il-membri tal-Kunsill iddiskuttew il-ħafna ilmenti anke minħabba l-ħela tal-ilma. Preżentament kienet wieqfa.

15.3.6 **Measure 4.4** Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li l-Kunsill kien għadu kif ġie nfurmat li l-applikazzjoni sottomessa f'Novembru għar-restawr fuq il-ħitan tas-sejjieħ f'Tal-Loġġa taħt Miżura 4.4 kienet ġiet aċċettata u kien ser jiġi iffirmat il-*Grant Agreement* fil-jiem li ġejjin. Il-Kunsill iddiskutta fejn jista' jsir restawr għall-ħitan tas-sejjieħ f'każ li jkun hemm *savings*. Il-membri ssuġġerew restawr fuq il-ħitan tas-sejjieħ f'inħawi tal-Gorġun u anke fit-trejqa minn fejn ta' Xħajma li tinfed għal fejn il-kamra tal-*borehole* f'Ta' Bordin.

15.3.7 **Fdalijiet minn Għar Ix-Xiħ** Is-Sindku spjega li jixtieq li l-Kunsill jiġbor dawk il-ħamsa u sittin fdalijiet li jinsabu fil-mument miġbura fl-Universita' t'Għawdex. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard spjegat li dawk kienu maħsuba għall-kamra f'Tal-Blankas waqt li s-Sindku stqarr li jaħseb li l-kamra hi żgħira għal daqshekk fdalijiet.

15.3.8 **Kunsill il-Qadim** Is-Sindku spjega li l-Kunsill il-Qadim kien bħalissa qed jintuża bħala maħżen għalkemm il-post mhux wieħed adattat u l-Kunsill kellu l-ħsieb li dan isir *Learning Hub*. Il-Kunsill iddiskutta u kien hemm qbil li l-Kunsill kellu joħroġ espressjoni t'interess biex isib garaxx għall-kiri.

15.3.9 **Bankini Tal-Ħamrija u f'Tal-Barmil** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Ministeru t'Għawdex kien ser jieħu ħsieb biex jagħmel il-bankini bl-*istencil* kemm f'Tal-Ħamrija u anke f'Tal-Barmil. Dawn se jinkludi *embellishment* fil-*Housing Estates* fejn anke ser isiru s-*central strips* u t-*traingle strips* f'Tal-Ħamrija. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien se jgħaddi l-pjanti lill-membri tal-Kunsill meta dawn ikunu f'idu.

15.3.10 **Sejħa tal-Librar** Is-Sindku spjega li l-Kunsill ma setax jipproċedi biex joħroġ sejħa għal-librar imma biss sejħa għas-servizz tal-librar u għaldaqstant il-Kunsill ma setax imexxi biex toħroġ din is-sejħa.

15.3.11 **Screen fil-Pjazza** Is-Sindku kkomunika li l-iscreen għal mal-ħajt tal-latrina fil-pjazza irid ikunu LED biex ikun tajjeb biex jidher anke fid-dawl tax-xemx. Is-Sindku stqarr li fis-suq dawn jammontaw għal madwar €7,000 u għalhekk tkun trid toħroġ sejħa għall-kwotazzjoni fl-EPPS.

**15.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

15.4.1 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issuġġeriet li għandu jiġi rrestawrat il-ħitan tas-sejjieħ fil-bidu ta' Triq Gorġun.

15.4.3 Il-Kunsillier Domenic Zerafa ssuġġerriexxa li jiżdiedu t-tabelli fil-Housing Estate tal-Barmil, fil-bidu ta' Triq In-Naġġara u Triq Manwala biex ma jitħallewx vetturi kbar ipparkjati. Il-Kunsill qabel li jiżdiedu dawn it-tabelli minnufih.

15.4.4 Il-Viċi Sindku staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp fl-applikazzjoni mad-DPF rigward il-*playingfield* tal-Ħamrija. Is-Segretarju wieġbet li l-Perit kien qed jaħdem mas-CRPD biex jipprovdi d-dokumenti mitluba.

15.4.5 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard għamlet referenza għal-laqgħa li kienet attendiet għaliha b'mod virtwali mtella' mill-*Foundation for Social Welfare Services* -CFI fuq l-innovazzjoni u anke fondi allokati għall-innovazzjoni. Il-Kunsillera Jeanelle Attard semmiet ħafna ideat differenti kif nistgħu nkunu innovativi u kreattivi. Is-Sindku ssuġġerriexxa li l-Kunsill jiċċekja jekk jistax japplika għall-fondi fuq l-*iscreen* tal-pjazza.

15.4.6 Il-Kunsillier Jeanelle Attard ġibdet l-attenzjoni li l-post ta' Ambaxxatur taż-Żgħażagħ kienu ilu ħafna vakant. Il-Kunsill iddiskutta u kellu jittella' psot fuq il-*Facebook* bi stedina għal min hu interessat.

15.4.7 Il-Kunsillier Domenic Zerafa talab biex jinbena ħajt imwaqqa' fi Triq L-Eħbel. L-istess Kunsillier talab li jsir *bollard* mal-ħajt biex ma jerġgħux jwaqqgħu l-ħajt b'vetturi kbar. Il-membri tal-Kunsill ddiskutew li *bollards* huma kontra liġi.

15.4.8 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ġibdet l-attenzjoni li hemm bank *f'bus shelter* fi Triq tal-Ħamrija li ilu ħafna nieqes. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li dan kienu ilu ħafna li ġie rrapurtat u kienet se tieħu ħsieb li terġa' tibgħat imejl minnufih.

15.4.9 Il-Viċi Sindku Paul Azzopardi staqsa rigward il-*cameras* tal-pjazza. Is-Sindku spjega li kien qed jaħdem fuqhom l-Inġinier Charles Borg li kellu jiddetermina fejn l-aħjar li jiġu l-*cameras* tan-naħa t'isfel tal-pjazza.

## 15.5 Rapport tal-Evalwazzjoni: Tender Triq Il-Kbira

15.5.1 Is-Segretarju nfurmat lill-Kunsill li l-evalwazzjoni ma kinitx għada ġiet iffinalizzata hekk kif kienet intalbet kjarifikazzjoni lill-kuntrattur partikolari li kien tefa' l-offerta.

## 15.6 Rapporti ta' kull kwart: Jannar-Marzu 2020<br>April-Ġunju 2020

15.6.1 Ir-rapporti ta' kull kwart għall-perjodi ta' Jannar sa Marzu 2020 u April sa Ġunju 2020 ġew ippreżentati fuq il-mejda tal-Kunsill. Dawn ġew approvati mill-membri tal-Kunsill u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 15.7 Fior D'Argenta

15.7.1 Il-Kunsill iddiskuta l-avvenimenti li kienu maħsuba għal matul ix-xahar t'Awwissu. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard stqarret li hi ma taqbilx li jittelgħu attivitajiet meta n-numru ta' persuni nfettati kien dejjem qed jiżdied. Il-Kunsill iddiskutta li l-attivita' ta' Fior

D'Argenta kien baqalha aktar minn xahar u kien għalhekk li l-preparamenti kellhom jibqghu għaddejjin sakemm ma jkunx hemm miżuri imposti ġodda biex attivitajiet tal-massa jitwaqqfu.

**15.8 Tender tal-Knis u Żamma tat-Toroq**

15.8.1 Is-Sindku ppreżenta fuq il-mejda tal-Kunsill *draft* tat-*tender* li kien ser jiġi ppublikat il-Ġimgħa 31 ta' Lulju 2020 għall-kummenti tal-membri tal-Kunsill. Il-membri tal-Kunsill raw li l-ispeċifikazzjonijiet b'reqqa u qablu li mmexxu bil-ħruġ tas-sejħa tal-offerti għall-knis u żamma tat-toroq.

**15.9 Korrispondenza u Ilmenti**

15.9.1 02/07/2020 Korrispondenza mingħand Valletta Culture Agency dwar partecipazzjoni ghal min jixtieq jiehu sehem f'tellieqa li ser tigi organizzata minn dghajjes b'materjal reciklat.

15.9.2 02/07/2020 Korrispondenza minghand Mario Camilleri biex jaghlaq Triq Santa Elizabetta mid-9 ta' Lulju, 2020 sal-11 ta' Lulju, 2020.

15.9.3 02/07/2020 Cirkulari AKL 2020/077 dwar artiklu li ser jidher fuq il-ġurnal dwar il-ħidma tal-Kunsilli Lokali matul il-Covid 19.

15.9.4 02/07/2020 Korrispondenza mingħand Jean Paul Cefai dwar 'Traffic Management' Roundabout Vjal il-Labour, Tal-Kanal u 'Parking Bays' Triq Sannat.

15.9.5 02/07/2020 Korrrispondenza minghand is-Segretarju Ezekuttiv fejn infurmat lis-Sindku u lill-Kunsilliera li gew awarded €106,947.65 ghall-bini ta' ħitan tas-sejjieħ li kienet sottomessa f'Novembru 2019.

15.9.6 08/07/2020 Korrispondenza minghand is-Segretarju Ezekuttiv lis-Sindku u membri tal-Kunsill dwar Traffic Management tar-Roundabouts tal-Hamrija u ta Triq Sannat fejn il-Kunsilliera Jeanelle rrispondiet b'xi suggerimenti u s-Sindku rrisponda li issa naraw d-decizzjoni tat-Transport Malta.

15.9.7 08/07/2020 Korrispondenza l-Ghaqda Armar fejn talbu Permess ghall-ikla li ser issir ta' Blankas fl-24 ta' Lulju, 2020 kif wkoll ghamlu talba ghall-ghajnuna mill-Kunsill li ssir bhas-solta f'Awissu fl-Okkazzjoni tal-Festa tal-Martirju ta' San Gwann.

15.9.8 08/07/2020 Korrispondenza minghand is-Segretarja Ezekuttiva fejn infurmat lis-Sindku u Kunsilliera li l-applikazzjoni ghall-'Free Wifi' giet acettata.

15.9.9 08/07/2020 Korrispondenza minghand Rosemarie Debattista fejn infurmat lill-Kunsill li ghall-Korsijiet tal-Life Long Learning fix-Xewkija ser jiġi offrut Patchwork.

15.9.10 08/07/2020 Korrispondenza mingħand is-Segretarju Ezekuttiv fejn infurmat lill-Kunsilliera Jeanelle Attard dwar il-kors tal-Patchwork.

15.9.11 10/07/2020 Korrispondenza mingħand Marvic Gauci fejn qed jitlob għajnuna mill-Kunsill ghall-attivita Sportiva li ser issir fis-6 ta' Settembru, 2020.

15.9.12 10/07/2020 Korrispondenza minghand Transport Malta biex tigi rrangata r-road hump ta' Triq Chev.L.Z. Haber.

15.9.13 10/07/2020 Is-Segretarja Ezekuttiva nfurmat lil TM li din diga ttrangat.

15.9.14 10/07/2020 Korrispondenza mingħand Clifford Debattista fejn informa li is-Sezzjoni ta' Eramus + and Eurapean Solidarity ser isir fl-10 ta' Awissu, 2020 bejn l-10.00a.m. u 12.00p.m. Is-Segretarja Ezekuttiva infurmat lill-Kunsilliera Jeanelle Attard li hi ser tapplika biex tiehu sehem f'din is-sezzjoni.

15.9.15 13/07/2020 Korrispondenza mingħand Stefan Vella tal-Malta Tourisim Assiociation fejna infurmawna li bhas-soltu ser isir il Malta International 'Fireworks Festival' fl-24 ta' Lulju, 2020.

15.9.16 13/07/2020 Cirkulari 2020/079 Re: Important notice regarding submission of Health Claim forms minghand Assoccjazzjoni Kunsilli Lokali.

15.9.17 13/07/2020 Korrispondenza minghand Ranier Busuttil rigward storbju fi Triq Gruwa mill-fabbrika R.A. & Sons, is-Segretarju Ezekuttiv bagħtett din l-email lis-Sindku u Kunsilliera.

15.9.18 14/07/2020 Cir AKL 2020/081 Korsijiet akreditati fuq livell minn MQF 4 sa MQF 7Sponsorship ghall-applikanti.

15.9.19 14/07/2020 Cir AKL 2020/078 Kontrol fuq Hamiem Selvagg.

15.9.20 14/07/2020 Cir AKL 2020/080 Depozitu ta' Muniti BOV.

15.9.21 15/07/2020 Korrispondenza minghand is-Segretarju Ezekuttiv lil Ms Vella Petroni rigward ġbir ta' skart mill-farmhouses Triq it-Taflija fejn infurmata li dak mhux kompitu tal-Kunsill.

15.9.22 16/07/2020 Cir AKL 2020/083 Workshop BOV fuq Deposit ta' Flus.

15.9.23 17/07/2020 Korrispondenza minghand is-Segretarju Ezekettuv tar-Reġjun Ghawdex li tirrigwardja għażża ta' persuna li hi intizia fix-xogħol tal-bizzilla fil-lokalita' biex tkun tista tintbaghat il-Croatia.

15.9.24 17/07/2020 Korrispondenza minghand Joseph Cutajar tal-Eco Gozo dwar il-European Mobility Week li ser issir mis-16 ta' Settembru sat-22 ta' Settembru.

15.9.25 7/07/2020 Circular 20/2020 mill-MFIN Re-Use of Private Vechiles on Official business.

15.9.26 17/07/2020 Newslater of Planning MT External Newsletter no. 21/20.

15.9.27 21/07/2020 Korrispondenza minghand id-divizjoni tal-Gvern Lokali dwar kors fuq BA Hons Politics and Governance October 2020.

15.9.28 21/07/2020 Vacation Leave Entilement for Workers from Maria Zammit @ DLG.

15.9.29 21/07/2020 Cir AKL 2020/083 Workshop BOV fuq Depoziti ta' Flus.

15.9.30 21/07/2020 Agenda 15 mibgħutha lis-Sindku u Kunsilliera mis-Segretarji Ezekuttiv.

15.9.31 22/07/2020 Is-Segretarju Ezekuttiv bagħtet ittra lis-Sindku u Kunsilliera fejn infurmathom li Charles Azzopardi tal-CWS ma ghadhux jahdem mal-Kunsill taghna wara li talab transfer.

15.9.32 24/07/2020 Is-Segretarju Ezekuttiv bagħtet il-Minuti tal-laqgha Nru 14 lis-Sindku u Kunsilliera.

15.9.33 27/07/2020 Korrispondenza mingħand Charles Borg fejn staqsa jekk is-Servizz tal-Banda Prekursur hux ser jigi mitlub ghall-festa ta' San Gwann Qtugh ir-Ras.

15.9.34 28/07/2020 Korrispondenza minghand il-Kumitat tan-nar lis-Sindku u Kunsilliera fejn talab l-ghajnuna finanzjarja ghan-nar tal-festa ta' San Gwann Qtught ir-Ras.

15.9.35 28/07/2020 Cir AKL 2020/08 Komunikazzjoni AKL u ANSEK.

15.9.36 Talab għall-*bollard* ieħor fi Sqaq Nru 2 fi Triq San Ġwann. Il-Kunsill approva li jsir żewġ *bollards* peress li kienu qed jidħlu bil-vetturi fis-sqaq.

**15.10 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

15.10.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**15.11 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

15.11.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.35pm. Il-Kunsilliera preżenti unanimament qablu li s-seduta li jmiss għandha ssir nhar it-**Tlieta 1 ta' Settembru 2020** fl-4.30pm.

Konfermati, illum **1 ta' Settembru 2020**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ____________________ | ____________________ |
| Hubert Saliba | Marion Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |